MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF
PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2003

Appell Civili Numru. 142/1999/2

**Avukat Jotham Scerri Diacono ghan-nom u in rappresentanza ta’ l-assenti Antonia Carmela Micallef**

**vs**

**Carmelo Borg Bonaci**

**Il-Qorti,**

Fil-21 ta’ Mejju, 2002 il-Bord li Jirregola l-Kera  ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

“Il-Bord,

Ra r-rikors fejn intqal;

1. Illi l-esponent nomine huwa l-proprjetarju tal-fond numru 42-44 fi Triq Patri Magri, il-Marsa, liema fond huwa

prezentement mikri lill-intimat versu l-kera ta' hames mija u lira Maltija (Lm501) fis-sena pagabbli kull sitt xhur bil-quddiem fis-sitta (6) ta' Dicembru u fis-sitta (6) ta' Gunju, liema kera giet stabbilita bis-sahha ta' sentenza ta' dan il-Bord fl-ismijiet 'Carmelo Borg Bonaci versus Mary Cilia nomine' (Rikors 163A/95) deciza fil-hamsa ta' Gunju 1997 (kopja legali hawn annessa u mmarkata Dokument JSD1).

2. Illi l-intimat ma hallasx l-iskadenzi li ghalqu:-

fis-sitta (6) ta' Dicembru 1995.
fis-sitta (6) ta' Gunju 1996.
fis-sitta (6) ta' Dicembru 1996.
fis-sitta (6) ta' Gunju 1997.
fis-sitta (6) ta' Dicembru 1997.
fis-sitta (6) ta' Gunju 1998.
fis-sitta (6) ta' Dicembru 1998 u
fis-sitta (6) ta' Gunju 1999.

3. Illi minkejja li l-intimat gie interpellat ihallas il-kera dovuta diversi drabi, dan xorta baqa' inadempjenti (vide z-zewg ittri ufficjali ta' l-10 ta' Novembru 1998 u l-ittra ufficjali ta' l-1 ta' Ottubru 1999) debitament notifikati lill-intimat, kopji legali hawn annessi u mmarkati Dokumenti JSD2, JSD3, u JSD4, rispettivament.

4. Illi l-proposta li ghamel l-intimat Borg Bonaci permezz ta' l-avukat tieghu (vide Dokument JSD5) sabiex ihallas l-arretrati mensilment ma gietx accettata.

Ghaldaqstant l-esponent nomine ghar-ragunijiet hawn fuq premessi, jitlob bir-rispett lil dan il-Bord jawtorizzah jirriprendi l-pussess tal-fond 42-44 fi Triq Patri Magri, l-Marsa u ghal dan l-iskop l-esponent nomine jitlob lill-Bord jiffissa lill-intimat terminu qasir u perentorju sabiex jizgombra mill-istess fond.

Bl-ispejjez.

Ra r-risposta ta' l-intimat:

1. Illi huwa minnu li l-kera tal-fond 42-44 Triq Patri Magri, l-Marsa giet awmentata ghal Lm501 fis-sena pagabbli kull 6 ta' Dicembru u 6 ta' Gunju bil-quddiem u dan permezz ta' sentenza moghtija minn dan il-Bord fis-6 ta' Gunju 1997.

2. Illi pero' mhux minnu li hemm l-arretrati imsemmija fir-rikors dovuta.

3. Illi wara li l-kawza fuq imsemmi giet deciza intlahaq ftehim bejn l-esponent  u sid il-kera kif rapprezentata dak iz-zmien li permezz tieghu kera dovuta minn dakinhar il quddiem tithallas puntwalment filwaqt li l-arretrati dovuti ghall-perjodu minn meta kienet pendenti l-kawza sakemm jintlahaq il-ftehim jithallsu bil-modalita' miftehma.

4. Illi l-iskadenza ta' kera ta' Dicembru 1998 (cioe' dik ta' wara li ntlahaq dan il-ftehim) thallset u giet accettata.

5. Illi Lm300 mill-arretrati ukoll thallsu u gew accettati skond il-ftehim milhuq.

6. Illi meta l-esponent offra l-kera ghall-iskadenza ta' Gunju 1999 din giet rifjutata pero' llum tinsab depozitata l-Qorti.

7. Illi ghalhekk huwa car li la darba ghadu fis-sehh il-ftehim milhuq bejn il-partijiet u la darba l-kera qed tithallas it-talba tar-rikorrenti ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra tieghu.

Ra s-sentenza tieghu tat-18 ta’ Ottubru 2000 li giet revokata b’sentenza ta’ l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell tal-4 ta’ Lulju 2001.

Sema x-xhieda bil-gurament.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra l-atti kollha kif ukoll l-att tar-rikors 163A/95 fl-ismijiet “Carmelo Borg Bonaci vs Maria Cilia fil-kwalita` taghha ta’

prokuratrici ta' l-assenti Antonia Carmel Micallef" deciz mill-Bord diversament presedut fil-5 ta' Gunju 1997.

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-Avukati.

Ra l-verbal tal-20 ta' Novembru 2001.

Ikkonsidra,

1. B'sentenza tal-*5* ta' Gunju 1997 il-kera gust tal-fond gie stabbilit "fis-somma ta' Lm501 fis-sena ii ghandha tithallas kull sitt xhur bil-quddiem kull 6 ta' Gunju u 6 ta' Dicembru."

2. Fin-nota ta' sottomissjonijiet l-intimat issottometta dwar minn meta beda jghodd il-kera gdid:

"Il-Bord ma qalx minn meta ghandha tibda tapplika r-rata l-gdida. Ghalhekk wiehed ghandu jassumi li r-rata ta' kera l-gdida kellha tibda tapplika mid-data tas-sentenza 'l quddiem u mhux retroettivament."

3. Dan mhux korrett. Harsa lejn ir-rikors 163A/95 turi li l-iskadenza li kien imiss kienet dik tas-6 ta' Dicembru 1995 wara li saret ittra ufficjali xahar qabel i.e. fis-6 ta' Dicembru 1995 skond l-art 14 (2) tal-Kap 69 (ara fuq dan il-punt sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell in re "Muscat Scerri vs Fenech et" fid-9 ta' Jannar 2001.

Ghalhekk il-kera stabbilit kellu jithallas mis-6 ta' Dicembru 1995 u mhux mid-data tas-sentenza kif sew jghidu l-ittri interpellatorji mibghuta lill-intimat u lilu debitament notifikati.

4. Skond kopji tal-ktieb ta' l-ircevuti pprezentati mill-intimat, l-ahhar hlas ta' kera kien ft-22 ta' Dicembru 1994 ghaz-zmien 7 ta' Dicembru 1994 - 6 ta' Dicembru 1995 fl-ammont ta' Lm150 (fol 80).

*5.* B'ittra tal-31 ta' Awissu 1998 Antonia Carmela Micallef gharrfet lill-intimat li ma kienx hallas il-

kera ta' sentejn u nofs, ma kienx lest li jhallas, riedet il-kera kollha dovuta f'daqqa.

6. Fl-10 ta' Novembru 1998 saru zewg interpellazzjonijiet ghall-hlas (fob 15-20), kienu diga gew prezentati) li gew notifikati lill-intimat.

7. Fil-5 ta' Jannar 1999 l-avukat ta' l-intimat kitbet lir-rikorrenti Micallef, aktarx bi twegiba ghall-ittra tal-31 ta' Awissu 1998:

"Nixtieq ninfurmak ukoll li s-Sur Borg Bonaci jaf li ghandu jhallas l-arretrati tal-kera. Hu kien offra lil Mary Cilia li l-arrettrati jhallashom Lm300 kull tlett xhur. Fil-fatt fit-23 ta' Novembru 1998 hu hallas tlett mitt lira Lm 300 permezz ta' cheque numru 1113 — dan ic-cheque gie mibghut lura lilu. Kieku fl-ahhar ta' dan ix-xahar kien ser ihallas tlett mitt lira ohra u jibqa sejjer hekk sakemm jinqatghu l-arrettrati kollha.

Fl-ahhar ngharrfek ii kif offra originarjament is-Sur Borg Bonaci fl-ahhar ta' dan ix-xahar hu ser jibghat l-ewwel cheque ta' tlett mitt lira (dak ta' Novembru li ghadda) kif ukoll cheque iehor ghat-tieni ta' tlett mitt lira akkont ta' l-arretrati. Sa dan it-tant hu ser ikun qed ihallas il-kera kif tigi dovuta.

Din l-ittra ser tigi mibghuta ukoll lill-Avukat tieghek sa biex hi tkun taf x'qed jintqal fil-korrispondenza ghaddejja direttament bejnek u bejn il-klijent tieghi. B'hekk nispera ii jkun car x'inhu joffri s-Sur Borg Bonaci sabiex din il-kwistjoni tigi rizolta mill- aktar fis." (fol 35)

8. Qabel din l-ittra fl-20 ta' Novembru 1998, l-avukat ta' l-intimat kitbet lill-avukat tar-rikorrenti, Dr Ramon Rossignaud b'referenza ghall-ittri ufficjali tal-20 ta' Novembru 1998 (fol 71)

"Nixtieq ninfurmak ii s-Sinjura Mary Cilia kienet accettat li l-arretrati tal-kera jithallsu tlett mitt lira (Lm300) kull tlett xhur. Kienet tlestit dikjarazzjoni f'dan is-sens mill-klijent tieghi. Is-Sinjura Cilia kellha tmur ghandu biex tigbor din

id-dikjarazzajoni u jibda jsir il-hlas. Hi ghadha ma marritx ghand il-klijent tieghi li anke mar ikellem bir-ragel taghha biex jghid lil martu li hu qed jistenna biex jibda jsir il-hlas. Ghalhekk nahseb li l-ittri ufficjali kienu intempestivi.”

Ma’ l-ittra intbaghat cheque ta’ Lm300 bid-data tat-23 ta’ Novembru 1998 bil-wedgha li jintbaghat l--istess ammont fi zmien tlett xhur ohra. Dan ic-cheque inbaghat lura.

9. Il-Bord jifhem li l-ittra tal-5 ta’ Jannar 1999 turi x’kien qed joffri l-intimat. Ftehim bejn il-partijiet ma kienx intlahaq. Mill-ittra tal-20 ta’ Novembru 1998 jirrizulta li l-intimat ghamel ‘dikjarazzjoni’ hu u l-avukat tieghu qaghdet fttqu li ghamilha kif qaghdet fuqu Ii l-prokuratrici Cilia ma marritx ghad-dikjarazzjoni. Cilia xehdet (fol 49) dwar id-diffikultajiet li kienet qedgha ssib biex tigbor il-kera li ma inghatatilhiex u l-Bord jemminha. Hlief darba meta l-intimat ried jaghtiha cheque ta’ Lm300, hi hasbet li ser itiha l-arretrati kollha u ma accettatux ghax riedet tghid kollox lilb Micallef. Minn ittra tal-25 ta’ Marzu 1999 l-avukat ta’ l-intimat baghtet ‘draft agreement’ lill-Avukat Camilleri De Marco. Dan il-ftehim la rawh il-partijiet u lanqas iffirmawh (Xhieda intimat a fol 84, xhieda Cilia a fol 50).

10. Barra dan fin-nota ta’ sottomissjonijiet jinghad li s-sentenza tal-Bord li Jirregola l-Kera tal-5 ta’ Gunju 1997 ma qalitx minn meta kelha tidhol fis-sehh iz-zieda fil-kera u ghalhekk il-kera l-gdida kellha tibda tithallas ghall-iskadenzi wara s-sentenza. Dan kif diga’ inghad mhux legalment korrett (ara para 2 u 3 ta’ din is-sentenza). L-ittra ufficali tal-10 ta’ Novembru li l-intimat ircevihom u rathom ukoll l--avukat tieghu (ittra taghha tal-20 ta’ Novembru 1998 a fol 71). Id-draft agreement jidher li kien dwar arrettrati Ii kellhom jithallsu kull tlett xhur u l-kera regolarment skond is-sentenza tal-Bond. Skond dak li qed jghid l-intimat, Micallef irrinunzjat ghal zieda fil-kera ghall-perjodi qabel is-sentenza. Hekk ifissru l-argumenti tieghu. Ma jistghax ikun li dan huwa hekk. Il-ftehim qatt ma gie prezentat lill-Bord minkejja li d-difiza ta’ l-intimat ghan-nuqqas ta’ hlas hija msejsa kollha fuqu. Lanqas jirrizulta li sar xi ftehim bil-kliem.

11. Ma’ l-ittra tal-25 ta’ Marzu 1999 l-avukat ta’ l-intimat baghtet il-kera ghaz-zmien 6 ta’ Dicembru 1998 — 5 ta’ Gunju 1999 Lm300 ghall-arretrati. Dawn ic-cekkijiet intbaghtu u l-Bord la ma saritx prova kontrarja, waslu ghand l-avukat Camilleri De Marco li minhabba ragunijiet ta’ sahha halliet ghaddej u titlifhom. Kulhadd irid jerfa’ ir-responsabbilitajiet tieghu. Ic-cheque ta’ l-avukat ghandu n-numru 1113 (zewg kopji tieghu a fol 72 u fol 74). Ic-cheque ghaz-zmien 6 ta’ Dicembru 1998 - *5* ta’ Gunju 1999 ghandu n-numru 1187 (fob 74 isfel).

12. Ma’ l-ittra tal-24 ta’ Awissu 1999 inbaghat cheque lil Cilia mill-avukat ta’ l-intimat ghal Lm250 bid-data tat-18 ta’ Gunju 1999. Ic-cheque li billi hu ta’ Lm250 mhux ta’ l-hekk imsejha arretrati, ma jsemmiex fl-ittra ghal-liema skadenza hu. Cilia baghtitu lil Micallef (ittra 28 ta’Awissu 1999). Fl-ittra ta’ l-avukat ta’ l-intimat jinghad li c-cheque intbaghat “skond il-ftehim milhuq bejniethom” (ibid). Aktarx li dan ic-cheque hu ghaz-zmien 6 ta’ Gunju 1999 - 6 ta’ Dicembru 1999. Dan ic-cheque ma giex accettat u gie depozitat taht l-Awtorita’ tal-Qorti fil-15 ta’ Dicembru 1999 (fol *75*-76). Kien baghtu lura l-avukat il-gdid tar-rikorrenti Ii biddlet l-avukat taghha ghar-ragunijiet diga msemmija. Jidher li c-cheque ma giex accettat ghax ma ntbaghatx lil Micalbef imma intbaghat lil Cilia. Ghalhekk sar il-protest (fol 43-44). Ic-cheque ma kienx fih l-isem tal-payee.

13. Lill-intimat sarulu dawn l-interpellanzi ghall-hlas:

a) ittra minn Micallef tal-31 ta’ Awissu 1998 ghall-sentejn u nofs lura:

skadenzi 6 ta’ Dicembru 1995

6 ta’ Gunju 1996

6 ta’ Dicembru 1996

6 ta’ Gunju 1997

6 ta’ Dicembru 1997

6 ta’ Gunju 1998

b) ittra ufficjali tal-10 ta’ Novembru 1998

6 ta’ Dicembru 1995

6 ta’ Gunju 1996

6 ta’ Dicembru 1996

c) ittra ufficjali ukoll tal-10 ta’ Novembru 1998

6 ta’ Gunju 1997

6 ta’ Dicembru 1997

6 ta’ Gunju 1998

d) ittra ufficjali tal-1 ta’ Ottubru 1999

6 ta’ Dicembru 1995

6 ta’ Gunju 1996

6 ta’ Dicembru 1996

6 ta’ Gunju 1997

6 ta’ Dicembru 1997

6 ta’ Gunju 1998

6 ta’ Dicembru 1998

6 ta’ Gunju 1999

e) Barra dan Cilia marret diversi drabi ghand l-intimat wara s-sentenza moghtija mill-Bord li Jirregola l-Kera biex titlob il-kera.

14. L-intimat jghid li ghall-iskadenzi

6 ta' Dicembru 1995

6 ta'Gunju 1996

6 ta' Dicmebru 1996

ghandu jhallas kera bl-ammont antik, liema argument ma jistax jigi accettat kif fuq spjegat. Il-Bord (diversament presedut) uza l-formula li kienet tintuza dak iz-zmien u qablu imma dan ma jfissirx dak li qed jghid l-intimat. Ir-rikorrenti dejjem ghamlitha cara li riedet il-kera li stabbilixxa l-Bord kif kienu jafu l-intimat u l-avukat tieghu. Ir-rikorrenti Micallef qatt ma rrinunzjat ghal dan u ghalhekk il-Bord jiddeciedi li ma ntlahaq ebda ftehim. L-intimat ried ihallas kif deherlu u kemm deherlu minkejja li gie interpellat (dwar rinunzja ara Chapelle vs Caruana Getto P.A. 17/6/1898 898 Vol. XVI-I-90)

15. L-intimat li jghid li kellu jhallas il-kera bir-rata il-gdida wara s-sentenza tal-Bord tal-5 ta' Gunju 1997, ma hallasx l-iskadenzi

6 ta' Gunju 1997

6 ta' Dicembru 1997

6 ta' Gunju 1997

ghal dawn kien gie interpellat skond il-ligi aktar minn darba.

16. Il-Bord ma jistax jiehu bhala "mhux mhallsa skond il-ligi" l-iskadenza tas-6 ta' Dicembru 1998 li saret l-ewwel interpellanza ghaliha fl-1 ta' Ottubru 1999 u intbaghat cheque ghaliha bid-data tal-24 ta' Frar 1999 ma'

ittra tal-25 ta' Marzu 1999 (fol 41 u 74) lii wasal ghand l-ewwel avukat tar-nikorrenti u intilef, l-interpellanza saret wara li intbaghat ic-cheque u intilef. Il-Bord b'dan ma hux qed jghid li kien hemm xi sura ta' ftehim.

17. Dwar l-iskadenza tas-6 ta' Gunju 1999 li saret interpellanza ghalija fl-1 ta' Ottubru 1999 (fol 4) intbaghat cheque bid-data tat-18 ta' Gunju 1999 ma' ittra mibghuta fl-24 ta' Awissu 1999. L-interpellanza saret wara u ma tistghax tittiehed in konsiderazzjoni.

18. Jirrizulta mill-imgieba ta' l-intimat li dan hu bniedem li ma jridx ihallas il-kera. Ir-rikorrenti Micallef ghamlet kull ma setghet biex tithallas. L-ewwel kienet tibghat lin-neputija titlob il-kera (interpellanza tista' ssir bil-kliem, ara "Mercieca vs Engerer" Appell mill-Bord, 28/12/01), kitbet hi, qabdet avukat. L-intimat kellu dmir ihallas il-kera. Qghad b'idejh fuq zaqqu minkejja t-talbiet li kienu isirhulu. Bil-mod il-mod ried igieb li kull hlas isir 'arretrat' biex imbaghad jaghmel il-kundizzjonijiet tieghu fosthom li l-kera stabbilit mill-Bord kellu jibda jghodd minn wara s-sentenza. Il-Bord ma hu qed jitfa l-ebda dell fuq l-avukat ta' l-intimat li mhiet ma' kulhadd b'lealta' kbira.

19. L-intimat ma hallasx sitt skadenzi — perjodu ta' sentejn u nofs. Fl-ahhar beda jiccaqlaq imma kien tard wisq. Ukoll l-ahhar zewg skadenzi hallashom tard (ghal dawn kif intqal gie interpellat wara li hallas u ghalhekk dwarhom mhux moruz skond il-ligi, dwar imgieba tal-kerrej u morozita' ara "Harding vs Curmi"; Appell mill-Bord 24/01/97).

20. L-interpellazzjonijiet saru skond il-ligi fuq spazju mifrux ta' zmien. "huwa evidenti illi l-iskop tal-ligi li tesigi l-interpellazzjoni huma li tipprotegi lill-intimat moruz u ma hemmx dubju li din il-protezzjoni inghatatlu biz-zmien li kellu ghad-dispozizjoni ghal wara kull wahda mill-interpellazzjonijiet li sarulu u ciononostante baqa' moruz." ('Ellul vs Ellul'; Appell mill-Bord 22/10/98)

21. Billi l-intimat kien moruz skond il-ligi ghal sitt skadenzi ta' kera, il-Bord jilqa' t-talba tar-rikorrent nomine

u jawtorizzah jirriprendi pussess tal-fond 42 - 44 fi Triq Father Magri, il-Marsa; ghall-fini ta' l-izgumbrament jipprefiggi t-terminu ta' tlett (3) xhur m'illum; l-ispejjez jithallsu mill-intimat."

Minn din is-sentenza appella l-intimat. L-aggravju tieghu fil-konfront tas-sentenza impunjata hu koncepit fis-sens illi s-sentenza hekk moghtija mill-Bord hi nulla u bla effett stante li din inghatat f'gurnata li, mill-atti tal-kawza, ma kienx mahsub ghal daqshekk. Huwa jissottometti illi dan jikkostitwixxi irregolarita` u, in kwantu tali, hi lezjoni tal-principji ta' gustizzja naturali, anke ghaliex il-gustizzja mhux biss trid issir imma trid tidher li qed issir. Izid jaggungi illi hu kontra kull principju tal-gustizzja naturali li kawza tigi deciza f'gurnata differenti minn dik li ghaliha kienet appuntata ghaliex dan ifisser li l-partijiet ikunu qed jigu michuda mid-dritt ta' l-appell.

It-twegiba tal-appellat nomine ghall-obbjezzjoni tal-appellant hi dik li jaghmel referenza ghall-artikolu 789 (recte, 790) tal-Kap 12 li inter alia jipprovdi li "meta quddiem qorti f'grad ta' l-appell tingieb 'il quddiem eccezzjoni ta' nullita` tas-sentenza appellata, dik l-eccezzjoni ma ghandhiex tintlaqa' jekk is-sentenza tkun gusta fis-sustanza taghha,hlief jekk l-eccezzjoni tkun ibbazata … … fuq kull difett iehor li jippregudika l-jedd ta' smiegh xieraq".

Fuq l-istregwa ta' dan il-provvediment l-appellat nomine jsostni l-veduta akkolta wkoll mill-gurisprudenza illi "n-nullita` ta' sentenza m'ghandhiex tigi attiza jekk is-sentenza tinsab sostanzjalment gusta" (**Vol XXX pI p953**).

Huwa car illi din il-Qorti ta' revizjoni qed tigi mitluba tannulla s-sentenza mhux minhabba xi difett jew nuqqas procedurali fit-trattazzjoni tal-kawza quddiem il-Bord – bhal ma hekk proprju kien il-kaz meta l-istess appellanti odjern fl-istess proceduri kien appella mis-sentenza precedentement moghtija fit-18 ta' Ottubru 2000 fuq l-assunt, vendikat mill-Qorti ta' l-Appell (4 ta' Lulju 2001), illi

l-Bord ma kienx iddispona mir-rikors tieghu ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza.

Invece, bl-appell odjern, din il-Qorti qed tigi mitluba mill-appellant tirrivendikalu l-principji ta' gustizzja naturali fuq il-kontenzjoni, alkwantu effimera, illi ghax is-sentenza ma gietx pronunzjata fil-gurnata destinata ghaliha, ergo l-Bord illedilu xi dritt fundamentali, senjatament ir-rimedju ta' l-appell.

Jigi mill-ewwel osservat illi din id-deduzzjoni ma tistax tigi accettata. Dan ghar-raguni semplici illi din ma tirriflettix ir-realta` processwali peress illi anke jekk dak li nghad mill-appellant hu korrett u vera, huwa xorta wahda pprezenta l-appell tieghu. B'hekk ma jistax ragjonevolment jinghad illi huwa ma nqediex bir-rimedju akkordat lilu mil-ligi. Rimedju li, f'kull kaz, huwa stess utilizza fiz-zmien statutorju konsentit. B'hekk ukoll, inghatat meta nghatat, is-sentenza, rigwardata minn dan il-punto di vista, hekk kontez mill-appellanti, ma gabitlu l-ebda pregudizzju irrimedjabbli.

Issa, ndubbjament, in linea ta' principju generali, huwa dejjem tajjeb illi fejn tidhol il-gustizzja, u kull rikjam li jsir ghaliha, wiehed ghandu, anke jekk minghajr cediment ghall-indulgenzi, jidneb fuq in-naha tal-generosita` mal-parti li thossha aggravata. Dan bl-animu tajjeb li kulhadd ikun verament sodisfatt illi l-gustizzja mhux biss issir imma issir ukoll manifestament. Naturalment dan il-principju jsib l-attwazzjoni tieghu fil-kaz meritevoli u mhux fis-sostenn tas-semplici kliem sabih jew l-astrattizmi. Naturalment, ukoll, il-bon sens jiddetta illi l-applikazzjoni tal-principju ghandu jigi adoperat safejn tassew jokkorri li jkun addottat u fejn tabilhaqq jinhass opportun li jinghata rimedju ghal xi irregolarita`. Ma huwiex ghalhekk konsentit li l-principju jigi allargat b'mod li jiskonfina l-parametri tar-ragjonevolezza, jew li jistultifika l-poter residwali vestit fil-Qorti biex tirrimedja ghas-sitwazzjoni ta' ingustizzja jew tal-vera vjolazzjoni tad-dritt fundamentali, b'talbiet jew allegazzjonijiet inawditi ta' xi nullita` kapriccjuza. Din il-Qorti mhiex lesta li taccetta kwalsiasi pretest biex

jitwaqqghu s-sentenzi, jekk mhux ghal motivi verament gravi u legalment akkordati.

Kif kellha okkazjoni tirritjeni l-Qorti ta' l-Appell, Sede Kummerc, fil-kawza fl-ismijiet "**Joseph Debono et –vs- Dottoressa Irene Condachi**", 27 ta' Gunju 1955, "*biex dik il-parti tirnexxi fl-azzjoni taghha, l-appellanti jridu jippruvaw li huma gew privati milli jigu mismugha, u li sofrew dik il-privazzjoni ingustament, jigifieri mhux bi htija lilhom addebitata; ghaliex f'dan il-kaz tissubentra l-applikazzjoni tal-principju "qui culpa sua damnum sentit non videtur damnum sentire*".

Fil-kaz prezenti l-appellanti strettament ma adduca l-ebda allegazzjoni bhal dik meritu ta' l-enuncjazzjoni generika tal-principju fuq affermata. U effettivament dan lanqas seta' jaghmlu gjaladarba mill-atti jidher kjarament illi l-ebda lezjoni tad-dritt fil-precitata kawza kontemplat ma jirrizulta li sar f'dan il-kaz. Huwa nghata l-opportunita` shiha li jiddefendi ruhu, iressaq il-provi tieghu, jikkontroezamina x-xhieda u jaghmel is-sottomissjonijiet kollha li ried jew xtaq. L-iskop tal-Qorti li ticcita l-bran fuq riportat kien intiz biss biex juri li anke fil-kaz hemm prospettat, certament, u sa' certu punt, ta' importanza aktar vitali minn dak odjern, kien jinkombi fuq il-parti li tipprova li hi giet privata jew pregudikata fid-drittijiet taghha. F'dan il-kaz tali prova ma ngiebetx jew ghall-anqas naqset milli tissodisfa u tikkonvinci lill-Qorti.

Huwa veru illi s-sentenza ma messiex inghatat meta inghatat. Izda, b'daqshekk, kif gja fuq espost, ma jistax jigi ritenut li twettqet ingustizzja gravi fil-konfront tal-appellanti. Huwa ghamel uzu fiz-zmien utili mir-rimedju ordinarju ta' l-appell kif bil-ligi provvdut, u ghalhekk difficilment jista' jigi accettat l-argoment invokat mill-appellanti illi fil-kaz kellek ksur tal-gustizzja naturali b'xi cahda tar-rimedju tal-istess dritt ta' l-appell. Fil-verita` l-oppost hu l-kaz, kif gja ampjament fuq espost u spjegat.

Biex jinghad kollox, imbaghad, din il-Qorti ssib li s-sentenza tidher sostanzjalment gusta u kwindi ma hemmx lok ghall-annullament taghha la ghall-motiv dedott u

lanqas kieku stess l-appellant ressaq xi aggravju fil-meritu.

Ghal dawn il-motivi l-appell interpost u hekk bazat fuq l-uniku aggravju tan-nullita` tas-sentenza qed jigi michud u s-sentenza appellata, konfermata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-intimat appellant.

Ghal fini tal-izgumbrament tal-intimat mill-fond ‘de quo’ il-perijodu ta’ tliet xhur prefiss mill-Bord jibda jghaddi mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------